# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 413/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Grace Gatt**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Grace Gatt**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 34568(G), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, f'diversi xhur fis-snin 2004 u 2005, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza

ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ li jeċċedi l-mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u ħamsin Euro (€186,350) (ekwivalenti għal tmenin elf lira Maltin (Lm80,000)) għad-dannu ta' John Attard mir-Rabat, Għawdex;

2. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, irċeviet jew aċċettat xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor bil-għan li teżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P.;

3. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li testorċi flus jew xi ħaġa oħra, jew li tagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, heddedt li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil John Attard mir-Rabat, Għawdex u b'liema theddid waslet fil-ħsieb tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Ottubru 2017, fejn il-Qorti, filwaqt li ddikjarat it-tielet (3) imputazzjoni bħala preskritta, ma sabitx lill-imputata ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberata minnha u, wara li rat Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannataha sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' snin u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-imputata biex fi żmien sitt xhur tħallas lill-parti leża John Attard is-somma ta' €102,492.00 ekwivalenti

għal Lm44,000. Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk ma tħallasx lill-parti leża fiż-żmien prefiss u jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien erba' snin.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-27 ta' Ottubru 2017 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux ħatja u tilliberaha mill-kumplament u b'hekk tilliberaha minn kull ħtija u piena u fi kwalunkwe każ, tibdilha dwar il-piena, u tipproteġilha d-drittijiet fundamentali tagħha speċjalment taħt l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan b'riferenza għall-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, u taħt Artikolu 6(3)(a) u (b) tal-istess Konvenzjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż dak li seħħ u li ġie ppreżentat wara li din il-Qorti diversament preseduta ħalliet dan l-appell għas-sentenza l-ewwel darba fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2019.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali tal-*parte civile* u ta' dik mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata mill-appellanti fil-25 ta' Jannar 2024 wara li l-Qorti tagħtha l-fakolta' li tagħmel hekk fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, liema Nota ta' Sottomissjonijiet hija b'żieda ma' dak li ngħad fir-Rikors tal-appell tal-appellanti u

fis-sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Ottubru 2017.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi wara li din il-Qorti għarblet il-fatti mill-ġdid, bħall-Ewwel Qorti, hija ssib li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* John Attard bħala kredibbli waqt li l-verżjoni tal-appellanti m'hi kredibbli xejn. Ix-xiehda ta' John Attard hija msaħħa kemm mid-dokumenti kif ukoll minn xhieda oħra. Biżżejjed wieħed jara x-xiehda ta' Cassandra Caruana dwar it-telefonata li suppost saret minn ommha iżda minflok din saret mill-appellanti Grace Gatt fejn l-appellanti talbitu l-flus inkella kien ser isir rapport għand il-Pulizija (*a fol.* 97-98). Jirriżulta li Cassandra Caruana stess semgħet din it-telefonata. Minn naħa l-oħra, ix-xiehda tal-appellanti Grace Gatt fiha ħafna dettalji ta' natura personali li m'għandhomx x'jaqsmu mal-imputazzjonijiet u hija mgiddba wkoll mix-xiehda ta' Noel Gauci dwar iċ-ċekkijiet li ngħataw biex jissarrfu. Bħala difiża tagħha l-appellanti tisħaq li Gauci dejjem kien jinsisti li tiffirma fuq wara taċ-ċekkijiet. Imbagħad fil-kontro-eżami kompliet ħarġet in-nuqqas ta' verita' speċjalment fit-taħwid tad-dati ta' meta kienet it-Tunesija u meta kienet Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellanti huwa li l-Qorti ma tistax tispezzetta u minn imputazzjoni li tillibera tislet parti u tużaha għall-ħtija f'kap ieħor. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tnejn:

- L-ewwel parti jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni (Artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), li l-appellanti ssejjaħ bħala *"l-każ ta' l-Onorevoli Louis Galea"*. L-appellanti tisħaq li hija ma kellha x'taqsam xejn imma l-Ewwel Qorti illegalment għamlet użu minnu xorta waħda u qalet li dan serva bħala *messa in scena* għall-frodi. Tisħaq li hija ma kellha x'taqsam xejn u li fl-ebda mument ma' l-*parte civile* John Attard qal li kellimha fuq l-eks Ministru Louis Galea jew li qaltlu li kellha xi influwenza fuqu. Tisħaq li f'dan il-każ jonqos ukoll il-fatt materjali ta' xi diskors bejnha u bejn Attard dwar l-Onorevoli

Louis Galea. Tisħaq li la ma kienx hemm il-kliem, allura ma kienx hemm il-*messa in scena*. Tagumenta li l-Ewwel Qorti ma qalitx fuq liema parti materjali li għamlet hi (l-appellanti) qed tibbaża r-raġunament tagħha. Tgħid li hija qatt ma tat lill-*parte civile* John Attard x'jifhem li setgħet tkellimlu lil xi ħadd u dan apparti li kliem menzonjier ma jammontax għall-*messa in scena*. Tisħaq li l-Qorti Kriminali trid toqgħod fuq ir-rinviju tal-Avukat Ġenerali u ma tistax tmur minn reat għall-ieħor. Tisħaq ukoll li Artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhux reat minuri li jiġi kompriż u involut. Targumenta li meta persuna tiġi liberata mill-fatti li għandhom x'jaqsmu ma' dan ir-reat, l-istess fatti ma jistgħux jiddawwru għal xi reat ieħor li ma jkunx minuri u kompriż u involut. Tisħaq li biex reat jitqies li hu kompriż u involut, l-ingredjenti kollha ta' wieħed iridu jkun jinsabu fl-ieħor.

- It-tieni parti tal-ewwel aggravju jirrigwarda it-tielet (3) imputazzjoni (Artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta). L-appellanti tisħaq li fuq dan ir-reat l-Ewwel Qorti lliberat minħabba preskrizzjoni u targumenta li mbagħad ma tistax tinstab ħtija b'dak li hija ssejjaħ bħala *"bil-karambola"* u tgħid li fuq l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf lira Maltin (Lm28,000) sar qligħ b'qerq. Tgħid li l-Ewwel Qorti qabdet is-somma u waddbitha f'kont ieħor. Tgħid ukoll li l-Qorti ma tistax tmur minn reat għal ieħor li m'għandu x'jaqsam xejn. Tgħid li dan ir-reat mhux alternattiv għal xi reat ieħor u li r-reat ta' rikatt mhux kompriż u involut fir-reat aktar gravi ta' truffa. Targumenta li l-fatt materjali fir-rikatt huwa t-theddida waqt li t-truffa tiddependi l-*messa in scena*. Tisħaq li t-truffa tkun perfezzjonata meta l-vittma jitlaq minn idejh dak li altrimenti ma kienx jitlaq u jgħaddih lit-truffatur.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li l-assjem tal-provi miġbura jindika li l-appellanti kienet użat il-qerq diversi drabi. Il-fatt li l-appellanti kienet meħlusa minn imputazzjoni ma jfissirx li l-elementi tal-qerq u tat-teħid tal-flus rilevanti għall-

ewwel (1) imputazzjoni ma jistgħux jintużaw meta din l-imputazzjoni hija dwar il-qerq.

Illi l-ewwel (1) imputazzjoni hija dwar frodi b'egħmil qarrieqi. Filwaqt li huwa minnu li l-appellanti ma nstabitx ħatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u dana peress illi filwaqt li fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-appellanti ġiet liberata minnha, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni hija ġiet dikjarata bħala preskritta, pero' fl-istess waqt ma jfissirx li fejn intużat il-frodi f'dawn iż-żewġ imputazzjoni għandu jiġi injorat. Għandu jingħad ukoll li f'dan il-każ l-appellanti ma ġietx misjuba ħatja ta' reat kompriż u involut taħt xi wieħed miż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra li ma nstabitx ħtija fiha. Hija nstabet ħatja taħt l-ewwel (1) imputazzjoni – dwar it-truffa u l-frodi innominata – u din ma kinitx kompriża u nvoluta imma kienet *"a free standing charge"'*.

Illi bħalma wieħed ma jistax jikkonkludi li għax ma kienx hemm l-elementi rikjesti taħt Artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta allura wieħed jista' jinjora għal kollox dawk il-fatti li jinkwadraw taħt l-ewwel (1) imputazzjoni, l-istess japplika fir-rigward ta' imputazzjoni li tiġi dikjarata bħala preskritta. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellanti huwa msejjaħ *"inosservanza tal-liġijiet penali fis-sentenza"*. Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti:

- "<u>Ksur tal-liġi dwar meta hemm kompliċita'</u>": L-appellanti tisħaq li mhux biżżejjed li jiġi pruvat li żewġ persuni kienu qrib xulxin biex jingħad li huma kompliċi. Tgħid li tinħtieġ il-prova tal-prekonċert. Tgħid li hi ma għamlitlu ebda proposta biex tgħinu lil John Attard meta dan kellimha li kien hemm wieħed fuq ix-xogħol li qabad miegħu. Tgħid li Lourdes Castillo qatt ma tgħid li speċifikatament tkellmet fuq din il-kwistjoni ta' Dr. Louis Galea magħha (mal-appellanti). Ma tgħid qatt xi struzzjonijiet ħadet minn għandha (minn għand

Grace Gatt) fuq is-suġġett. Tisħaq li ma jfisser xejn li Lourdes Castillo kienet qalet li hija (l-appellanti) kienet il-*boss* tagħha. Tgħid li lanqas ma jista' jinġibed argument li hija (l-appellanti) kellmet lil Yoda. Tgħid li mix-xhieda ta' Yoda jirriżulta li Yoda ma tgħidx lilha (lill-appellanti) biex tkellmu hi (ċioè Yoda) ħalli jirranġaw u lesta tħallas lura. Tgħid li kienet qed twiegħed li tkellem lil John Attard u li ma kienet qed tassumi ebda responsabilita'. Tgħid li jekk wieħed jieħu l-verżjoni ta' John Attard jirriżulta li qaltlu li Busuttil ried ikeċċih minn mal-Gvern. Ma talbitux flus. Tgħid li ma sar ebda diskors fuq flus jew li hi setgħet tirranġalu ma' Dr. Louis Galea. Tgħid li lil Castillo kien qalilha biex ma tgħid xejn lilha (Grace Gatt). Targumenta li Lourdes Castillo lanqas biss tgħid li John Attard kien diġa' qalilha dak li diġa' tkellem magħha (mal-appellanti). Tgħid ukoll li John Attard aċċetta li kienet Lourdes Castillo li qalet il-kliem menzonjier u għamlet il-*messa in scena* tat-telefonati u li Lourdes Castillo taċċetta dan. Tgħid li ma hemm l-ebda prova li hija (l-appellanti) kienet kompliċi fil-kwistjoni ta' Dr. Louis Galea.

- "<u>Dwar ix-xiehda ta' persuna ko-imputata bl-istess reati</u>": L-appellanti tirreferi għal Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li Lourdes Castillo tgħid li l-flus kienet tgħaddihom lilha (lill-appellanti) imma din mhijiex biżżejjed bħala prova. Apparti dan tgħid li hi (l-appellanti) qalet bil-ġurament tagħha li ma rċeviet l-ebda ammont li kellu x'jaqsam ma' Dr. Louis Galea. Tgħid li din kienet kwistjoni bejn John Attard u Lourdes Castillo u tisħaq li kienet ukoll il-pożizzjoni ta' John Attard sakemm biddel il-pożizzjoni u ra fejn jaqbillu.

- "<u>L-attakkk tal-Prosekuzzjoni fuq ix-xiehda ta' Grace Gatt</u>": Tgħid li d-difiża ma għandha l-ebda obbligu li ġġib l-ebda prova. Tisħaq li hija kienet korroborata minn John Attard u Lourdes Castillo li ċertament ma kienet qatt parti b'xi aġir tagħha fit-truffa. Targumenta li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova. Tgħid li bniedem jista' jaqbeż għall-ieħor ukoll

meta r-relazzjonijiet ikunu nbidlu. Tgħid li Yoda ma weġbitx għall-mistoqsijiet tal-Prosekuzzjoni dwar x'kienu l-affarijiet li setgħu jinbidlu. Tgħid ukoll li lanqas John Attard ma jgħid li hi (Grace Gatt) talbitu xi flus fuq il-kwistjoni ta' Dr. Louis Galea anzi jgħid li ħallas il-flus direttament lil Lourdes Castillo. Tiċħad li ħadet dawn il-flus minn għand Lourdes Castillo u skont John Attard, hija (l-appellanti) qatt ma offrietlu li tirranġalu xi ħaġa. Tgħid li Lourdes Castillo tkellmet biss ġenerikament dwar il-flus li kienet tgħaddi lilha (lill-appellanti) u li ma tgħidx liema kienu dawn il-flus, jekk kienux tad-*debt collecting* jew dawk li kienet direttament qed tieħu minn għand John Attard bi ftehim miegħu li ma tgħid lil ħadd. Tispjega li fix-xiehda tagħha, Lourdes Castillo ma tgħidx li kienet irċeviet is-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000) minħabba din il-kwistjoni. Tgħid li Lourdes Castillo fl-ebda mument ma tgħid li hija tkellmet b'mod speċifiku fuq il-kwistjoni Dr. Louis Galea magħha (mal-appellanti).

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota mal-ewwel li miċ-ċitazzjoni minn imkien ma jirriżulta li l-appellanti kienet akkużata b'xi kompliċita'. Hija akkużata bħala l-awtriċi tar-reati msemmija u fl-Artikoli li bagħat l-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 239) mkien ma jissemma Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi għalhekk li ma kenitx meħtieġa li ssir il-prova tal-kompliċita' la l-appellanti ma kinitx akkużata biha. Li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienu l-provi, li fid-diskrezzjoni tagħha setgħet temmen jew le, li Lourdes Castillo għaddiet il-flus lil Grace Gatt. Għaldaqstant l-ewwel parti tat-tieni aggravju qed tkun miċħuda.

Illi dwar it-tieni u t-tielet parti tat-tieni aggravju din il-Qorti tinnota li hawnhekk qed isir apprezzament tal-fatti da parti tal-appellanti. Dwar it-tielet parti jirriżulta li hawn l-appellanti qed tirreferi għal dak li ngħad mill-Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti. Dwar dawn iż-żewġ partijiet tat-tieni aggravju, din il-Qorti tinnota li mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet in

konsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda li tressqu quddiemha (inkluż id-dokumenti eżebiti) u dana meta ġiet biex sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellanti allura imputata. Apparti minn dan, din il-Qorti diġà għamlet l-apprezzament tagħha dwar dak prodott quddiem l-Ewwel Qorti u dana għamlitu aktar 'il fuq f'din is-sentenza qabel bdiet tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza f'dan ir-rigward. Tenut kont ta' hekk, din il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni u t-tielet parti tat-tieni aggravju biex b'hekk it-tieni aggravju qed jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju huwa dwar ix-xiehda u l-komportament ta' John Attard. L-appellanti tisħaq li dan ix-xhud mhuwiex kredibbli. Tgħid li l-flus ħadithomlu Lourdes Castillo imbagħad daħħal lilha (lill-appellanti) li qatt ma talbitu flus. Tgħid li John Attard ipprova jdaħħal xi figuri ta' flus li kien ħallas għad-*debt collecting* bħala parti mir-raġġiri u li huwa ma jagħti ebda spjegazzjoni għala hija (l-appellanti) irrifondietlu elf lira Maltin (Lm1000) meta suppost kien għad hemm id-dejn magħha. L-appellanti kkompli ssaqsi numru ta' domandi biex tattakka l-kredibilita' ta' John Attard. Tgħid, fost l-oħrajn, li Attard kien retiċenti jekk kienx miftiehem ma' Lourdes Castillo li ma jsemmi xejn magħha (mal-appellanti). Dwar Carmen Zammit tistaqsi jekk jistax jitqies kredibbli jew hija aktar kredibbli hija. Tgħid li Attard ipprova jaħrab il-mistoqsijiet fil-kontro-eżami u fl-aħħar aċċetta li l-ittra kitibha hu wara li Lourdes Castillo kienet qaltlu biex jikteb dak li kien iħoss dwar Marija. Tgħid li huwa ried flus mara li kien suppost iħobb għax ried flusha. Tisħaq li wieħed irid jara kif xehed fuq Maureen Woods u li Attard lanqas jagħti spjega għal kif wasal għal figura ta' sittin elf Maltin (Lm60,000). Tgħid li għand Yoda ħa lil Lourdes Castillo u li mbagħad daħħal lilha (lill-appellanti) fil-kwistjoni ta' Dr. Louis Galea. Tgħid li huwa ma kienx konsistenti wkoll dwar lil min kellem fuq Joseph Busuttil u li fil-każ tas-sittin elf lira Maltin (Lm60,000) huwa jaqbel magħha

(mal-appellanti) li hi bl-ebda mod ma ndiċietu biex jagħmel xi ħaġa fuq Dr. Louis Galea jew li għamlitlu xi *messa in scena*.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fir-rigward tat-tieni u t-tielet parti tat-tieni aggravju u tapplikah hawn. Apparti minn dan u apparti dak li ngħad minn din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza qabel bdiet tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji tal-appellanti, dwar l-apprezzament tal-provi hekk kif magħmul minnha din il-Qorti tinnota li minkejja d-diversi dubji espressi mill-appellanti dwar ix-xiehda mogħtija mix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ossia John Attard, din il-Qorti, kif diġà ngħad, issib il-verżjoni tiegħu bħala aktar kredibbli (għar-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq) u taqbel ma' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk (*a fol.* 402 u 403):

> "Illi fil-fatt hemm konflitti fil-verżjonijiet mogħtija minn Attard u l-imputata pero' fil-fehma tal-Qorti dan il-kunflitt huwa riżolvibbli u l-Qorti hija konvinta li tista' tagħti kredibilita' lil John Attard. Dan mhux sempliċiment għax huwa kien bejn wieħed u ieħor konsistenti fil-verżjoni tiegħu minn żmien għal żmien imma aktar u aktar meta wieħed iqis li huwa ġie korroborat fi kważi l-asserzjonijiet kollha li għamel mill-persuni konċernati. L-ewwel u qabel kollox żgur għandha ssir referenza għad-depożizzjoni ta' Lourdes Castillo li mhux biss ikkonfermat dak li qal Attard imma anke ikkonfermat l-involviment ta' l-imputata partikolarment fil-fatti li kienu jirrigwardaw l-kwistjoni fuq il-post tax-xogħol ta' Attard."

Illi mhux kull konflitt fil-provi jwassal għal-liberatorja tal-persuna mixlija. B'hekk tenut kont ta' dak li ngħad, din il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellanti huwa li fuq truffa l-Ewwel Qorti għandha kunċetti li skont l-appellanti ma huma preċiżi xejn. Tisħaq li kuntrarjament għal dak li jgħid Antolisei, fil-liġi tagħna t-truffa tenħtieġ bħala element il-*messa in scena*. Tisħaq ukoll li ma jistax ikun kliem sempliċement menzjonier. Tgħid li hija ma qalitx kliem menzonjier u lanqas għamlet xi *messa in scena*. Tisħaq li hija la semmiet lil Ministru Dr. Louis Galea u lanqas ivvintat il-problemi fuq ix-xogħol. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel *transposition* minn imputazzjoni għall-oħra. Tgħid ukoll li Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jagħmilha ċara li l-akkużat għandu jkun jaf preċiż l-imputazzjonijiet kontra tiegħu. Tgħid li l-imputazzjonijiet ma kienux alternattivi.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma għamlitx riferenza biss għal Antolisei iżda għamlet riferenza wkoll għall-ġurisprudenza Maltija, fosthom għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul** tal-20 ta' Ġunju 1997 fejn jissemmew *"l-artifizji jew raġġiri idonei"* għalkemm intqal li:

> "Il-Liġi tagħna ma tirrikjedix li l-*messa in scena*, ċioè dawk l-artifizi jew raġġiri, ikunu xi ħaġa ikkumplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet."

Illi apparti s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul**, l-Ewwel Qorti semmiet ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** (Numru 130/2003) li ġiet mogħtija fit-30 ta' Diċembru 2004 fejn ingħad hekk:

> "Kwantu għall-kwistjoni [...] jekk il-"gidba sempliċi" – a differenza tal-artifizji u raġġiri – tistax timmonta ossia twassal għar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija ċertament fl-affermattiv basta li tali gidba, tkun effettivament tammonta għal "qerq" ċioè tkun intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikiment għal min jgħid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament

waslet għal dan it-telf min-naħa u arrikiment min-naħa l-oħra."

Illi minn dak li ġie ċċitat hawn fuq jirriżulta li l-każistika Maltija mxiet ukoll 'il quddiem ukoll fl-interpretazzjoni ta' Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li l-Ewwel Qorti kellha għarfien tajjeb u użat dan l-għarfien sew. B'hekk din il-Qorti ma tirraviża ebda żball dwar l-interpretazzjoni tat-truffa.

Illi fl-istess aggravju in eżami l-appellanti tinsisti li l-imputazzjonijiet għandhom ikunu ċari u li persuna akkużata għandha tkun taf preċiż l-imputazzjonijiet kontra tagħha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti allura imputata huma ċari biżżejjed u b'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li ma għandha għalfejn tagħmel ebda konsiderazzjoni oħra f'dan ir-rigward.

Għalhekk, ir-raba' aggravju tal-appellanti qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju tal-appellanti huwa marbut mar-rinviju tal-Avukat Ġenerali. L-appellanti tisħaq li meta l-Avukat Ġenerali bagħat l-Artikoli li skont hu hija setgħet tinstab ħatja tagħhom, fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ma semmiex Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li xi reat serva bħala mezz għall-fini. Tisħaq li minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti ma kellha ebda poter li tibdel ir-rinviju tal-Avukat Ġenerali.

Illi minn qari tas-sentenza appellata, din il-Qorti jirriżultalha li minn imkien ma jirriżulta li l-Ewwel Qorti qalet li xi reat kien serva biex jitwettaq xi reat ieħor. Ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti kkunsidrat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti ma qagħditx mar-Rinviju għall-Ġudizzju mibgħut mill-Avukat Ġenerali. B'hekk l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sitt aggravju l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti waslet li kien hemm frodi ta' tmienja u tmenin elf lira Maltin (Lm88,000) fejn sittin elf lira Maltin (Lm60,000) għandhom x'jaqsmu mal-każ ta' Dr. Louis Galea u tmienja u għoxrin lira Maltin (Lm28,000) taħt Artikolu 250(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Tisħaq li jekk hija mhijiex ħatja ta' *blackmail* ma tistax tinstab ħatja li ħaditlu flus b'forma ta' qerq. Tgħid li dawk it-tmienja u għoxrin elf lira Maltin (Lm28,000) hekk kienet akkużata bihom, altrimenti tiġi akkużata darbtejn. L-istess jingħad dwar is-sittin elf lira Maltin (Lm60,000). Tisħaq li bl-ebda mod ma ġie ppruvat li hija għamlet xi fatt li jammonta għall-qerq jew ingann u li wassal biex John Attard jgħid li ħallas. Tistaqsi: jekk tnaqqas dawn iż-żewġ ammonti, fuq xiex hija responsabbli ta' truffa?

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li għal darb'oħra l-appellanti tinsisti li mhijiex ħatja ta' frodi. Mill-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti kif ukoll minn dak li għamlet din il-Qorti jirriżulta, kif diġà ngħad, li kien aktar kredibbli John Attard milli kienet l-appellanti. Dan l-aggravju huwa simili għal dak fejn ġie argumentat li ġialadarba l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-appellanti fit-tieni (2) u fit-tielet (3) imputazzjoni jsegwi allura, dejjem skont l-appellanti, li ma kienx hemm ħtija ta' truffa. Apparti dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza f'dan ir-rigward, jirriżulta li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, l-Avukat Ġenerali niżżel Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja li l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija ta' *trading in influence* taħt it-tieni (2) imputazzjoni, ma jfissirx li ma seħħx ir-reat ta' truffa hekk kif imniżżel fl-ewwel (1) imputazzjoni. Għaldaqstant is-sitt aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi s-seba' aggravju tal-appellanti huwa dwar vjolazzjoni ta' Artikolu 6(3)(a) u (b) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-appellanti tisħaq li hemm vjolazzjoni fuq l-aġir tal-Ewwel Qorti meta mir-reat ta' *trading in influence* illiberat minnu pero' tagħtu dak li hija ssejjaħ "*characterisation*" differenti fis-sens illi għamlet li huwa reat tal-*messa in scena* għat-truffa. Tikkwota

b'approvazzjoni dak li qalet il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Block v. Hungary** fejn għamlitha ċara li l-imputat għandu dritt ikun jaf preċiż l-imputazzjonijiet.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma bidlet il-karatterizzazzjoni ta' xi imputazzjoni kontra l-appellanti. Għandu jingħad li l-fatti tal-każ ta' **Block v. Hungary** (Applikazzjoni Numru 56282/09) tal-25 ta' Jannar 2011 hekk kif imsemmi mill-appellanti fl-aggravju in eżami ma għandux x'jaqsmu għaliex hemm kien hemm bidla ta' imputazzjoni f'oħra. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

> *"19. The applicant argued that the Court of Appeal had informed him of the possibility of re-characterising his offence as fraud but convicted him of forgery of public documents. Subsequently, the Supreme Court held that he had in fact been guilty of attempted fraud and forgery of private documents without previously warning him about this eventuality. The double re-characterisation of his guilt had prejudiced his defence rights.*
>
> *[...]*
>
> *22. The Court notes at the outset that the applicant was indicted for preparation to counterfeit money and that the Regional Court found him guilty as charged. Subsequently, the Court of Appeal warned him that his offence could be re-characterised as attempted aggravated fraud but then returned an alternative judgment of forgery of public documents. Finally, the Supreme Court concluded that he had been guilty of attempted fraud and forgery of private documents, and this without prior notice."*

Illi minn imkien ma jirriżulta li seħħ xi ħaġa simili f'dan il-każ. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-każ ta' **Block v. Hungary** ma japplikax għaliex il-fatti kienu differenti. Dwar l-allegat ksur ta' Artikolu 6(3)(a) u (b) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet

tal-Bniedem, din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza li tagħmel pronunzjament dwar jekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kisret jew ma kisritx dan l-artikolu. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, is-seba' aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tmien aggravju tal-appellanti huwa dwar l-applikazzjoni fil-konfront tagħha ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tirreferi kemm għaliex l-ammont jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll għaliex hemm it-theddida ta' ħabs. Tallega li dan imur kontra l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi għal dik li hija kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa *lex specialis* li jagħti l–fakolta' lill-Qorti tal-Maġistrati li tiffissa l-ammont li l-ħati għandu jħallas u l-ammont mhux b'xi mod suġġett għall-ammonti li huma ndikati fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar l-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha fl-aggravju ta' qabel dan rigward il-kompetenza *o meno* ta' din il-Qorti u tapplikah hawn. Għaldaqstant, it-tmien aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi d-disa' aggravju huwa dwar li dak li l-appellanti ssejjaħ bħala *"ostaklu għad-difiża mill-Prosekuzzjoni fix-xhieda"*. L-appellanti tgħid li kellha xhieda tajba fil-*laptops* tagħha stess li ġew issekwestrati mill-Pulizija u li ma kinux ippreżentati fil-Qorti. Tissottometti li l-innoċenza tagħha qegħda fl-istess *laptops*. Tgħid li kienet il-Prosekuzzjoni li ħolqot dan l-impediment u għalhekk is-sentenza għandha tkun revokata.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li xehdet l-appellanti fejn irreferiet għal aktar minn darba għal xi affarijiet li kienu ssekwestrawlha l-Pulizija. Iżda ma jirriżulta minn imkien li saret xi talba formali lill-Qorti sabiex tordna li l-

affarijiet sekwestrati jkunu eżebiti. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għaxar aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li skont l-appellanti kienet waħda gravuża. L-appellanti tisħaq li huwa manifest li s-sentenza appellata riedet iġġib fuq l-istess bażi lilha u l-persuna l-oħra u li huwa manifest ukoll li sentenza waħda influwenzat is-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Apparti dan, filwaqt li din il-Qorti hija tal-fehma li dak imsemmi mill-appellanti fl-aggravju in eżami jista' jiġi kkunsidrat bħala konklużjonijiet da parte tagħha, minkejja dan, wara li din il-Qorti rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li din il-piena taqa' fil-parametri ta' dak li l-appellanti nstabet ħatja tiegħu mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ma ġiex varjat minn din il-Qorti. Konsegwentement, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant l-għaxar aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Grace Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini hemm imsemmija għandhom jibdew jgħaddu mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**